Minuti tas-66 (sitta u sittin) Laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tnejn 30 ta' April 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-5.40p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Viċi-Sindku: Is-Sur Anthony Borg

Kunsilliera: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Joseph Farrugia

Skużat: Is-Sur Lorry Apap

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti tal-Laqgħa numru 64, li saret nhar il-Ħamis 29 ta' Marzu 2012 u tal-Laqgħa t'Urġenza numru 65, li saret nhar il-Ġimgħa 27 t'April 2012 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħalha moqrija u approvati unanimament. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti.

## 3. Preżentazzjoni tal-*Audited Financial Statements* 2011

3.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għamel kollegament ma' Johanna Caruana, l-Accountant, kif kien deċiż fil-laqgħa t'Urġenza tas-27 t'April 2012 biex tispjega ftit dawn l-aġġustamenti li kienu saru għall-*Financial Statements* 2011. Is-Sinjura Caruana tat spjega tal-aġġustamenti li saru u rrispondiet mistoqsijiet li kellhom il-Membri preżenti. Wara, l-Membri tal-Kunsill preżenti qablu mal-*Audited Financial Statements* u għalhekk dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 4. Ħatra tal-Bord għall-Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

4.1 Il-Viċi-Sindku, is-Sur Tony Borg informa lill-Membri tal-Kunsill u talabhom biex fis-6.30pm jiġi skużat mill-Laqgħa peress li ried imur Malta mal-vapur tas-7.00p.m. u staqsa x'ser jiġi diskuss rigward il-ħatra tal-Bord tal-Għażla. Peress li l-Viċi-Sindku mdaħħal fil-Bord, il-Kunsill qabel li tiġi diskussa din it-tema issa imbagħad il-Laqgħa titkompla skond l-Aġenda. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill illi nhar it-18 t'April 2012 tefa' r-riżenja tiegħu minn Aġent Segretarju Eżekuttiv u li ma kienx ser japplika għall-post ta' Segretarju. Is-Sindku qal li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kien infurmah li ftit taż-żmien ieħor kien ser jitlaq. Is-Sindku qal li jekk ser jiġri hekk irid jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jinħatar Aġent Segretarju Eżekuttiv biex il-Kunsill ikompli jiffunzjona sakemm jinħatar Segretarju Eżekuttiv. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li fl-aħħar laqgħa kien qal li kellu joħroġ is-Sejħa għall-applikazzjoni wara li jkun ġie stabilit minn ser ikun is-Segretarju tal-Bord. L-Aġent Segretarju rrimarka li l-ewwel kien ġie nfurmat verbalment mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li s-Segretarju tal-Bord jaħtru l-Kunsill u jkun hemm l-approvazzjoni tal-istess Dipartiment kif ukoll tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u mbagħad ġie nfurmat li s-Segretarju tal-Bord irid jaħtru d-Dipartiment b'konsultazzjoni mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Peress li l-Aġent Segretarju tefa' r-riżenja tiegħu, huwa ġie nfurmat mis-Sur Adrian Mifsud, Head of Training, Human Resources, Administration, and EU & International Affairs, li l-istess Aġent Segretarju seta' joqgħod is-Segretarju tal-Bord, minflok is-Sinjorina Josephine Borg li kienet aċċettat li toqgħod bħala Segretarju tal-Bord, u talbu biex imexxi bil-proċess tal-għażla b'mod immedjat. Is-Sinjorina Josephin Borg għandha tiġi nfurmata b'dan. Għalhekk, l-Aġent Segretarju informa lill-Membri tal-Kunsill li hu ħareġ is-sejħa għall-Applikazzjoni nhar l-24 t'April 2012. Għalhekk il-Bord tal-Għażla ser ikun iffurmat mill-Viċi-Sindku, is-Sur Tony Borg, mill-Kunsillier is-Sur Victor Cefai, is-Sur Adrian Mifsud u s-Sur George Cassar peress li s-Sinjorina Josephine Borg kienet infurmat lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv li hi ma xtaqitx tkun Membru tal-Bord. L-Aġent Segretarju qal ukoll li hu kien irċieva l-lista mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ta' dawk li huma eleġibbli biex japplikaw għall-post ta' Segretarju biex b'hekk wara li tagħlaq il-ġurnata tal-Applikazzjoni, il-Membri tal-Bord ikun jistgħu jimlew id-Dikjarazzjoni li huma m'għandhom kunflitt ta' nteress biex ikun Membri tal-Bord. Is-Sindku stqarr li l-Viċi-Sindku, is-Sur Tony Borg kien astjena rigward l-għoti tal-offerta tal-fanali dekorattivi li kellhom jitħallsu il-parti sostanzjali tag]hom mill-Iskema ta' Eko-Għawdex, peress li din ħarġet mill-Ministeru għal Għawdex, issa jekk jiġi xi ħaddiem japplika minn


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

tal-Ministeru t'Għawdex, x'ser jiġri? Il-Viċi-Sindku wieġeb li hu ikun lest li jirriżenja minħabba kunflitt ta' nteress jekk lil din il-persuna jkun jafha. L-Aġent Segretarju informa wkoll li skond il-linji gwida għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv, il-Bord ikun hemm bżonn li jiltaqa' biex jiddiskuti fuq liema kriterji ser jintgħażel is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li hu jixtieq li jintagħżel xi ħadd li jkun jaf jagħmel l-*accounts* kif kien isir fl-imgħoddi.

## 5. Korrispondenza

### 5.1 Memos

5.1.1 Memo 16/2012: Direzzjoni dwar l-Ewwel Laqgħa tal-Kunsill Lokali

5.1.2 Memo 17/2012: Skema EGOV4U għall-Kunsilli Lokali – it-tieni parti.

5.1.3 Memo 18/2012: Mistoqsija Parlamentari Nru. 33851 rigward l-ammont tal-kontijiet tat-telefon, linja linja li kull Kunsill Lokali għandu għas-sena 2010, 2011 u sa 31 ta' Marzu 2012? Jista' jippreżenta l-istess informazzjoni għax-xahar ta' Marzu 2012?

### 5.2 Korrispondenza

5.2.1 Risposta mingħand is-Sur Cleavon Vella rigward il-Mistoqsija Parlamentari Nru. W539 dwar il-fanali ta' Sqaq il-Lunzjata. Id-Dipartiment informa li tajjeb li l-Kunsill jiċċekja min installa dawk il-fanali fi propjeta privata, għaliex u jekk hemmx xi tip ta' ftehim mal-Enemalta/individwu privat dwarhom. Is-Sindku nforma li dan il-fanal ttranġa minn xi ħadd u qed jixgħel. Qal li nhar il-Ġimgħa l-Kbira ra lil xi ħaddiema ta' l-Enemalta jirranġaw xi ħsarat f'dan il-fanal. Huwa nforma lill-Kunsill li s-Sur Toni Cassar qallu biex ma jgħaddix minn dak l-isqaq għax dak hu propjeta privata.

5.2.2 Email mingħand is-Sur Adrian Mifsud, Head of Training, Human Resources, Administration, and EU & International Affairs biex l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jibqa' fil-post sakemm jilħaq is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid.

5.2.3 Email mingħand is-Sur Sandro Drago mid-Dipartiment tal-Kuntratti fejn informa li rigward il-Kuntratt tal-*Patching with Hot Asphalt in various Streets of Fontana*, li ladarba l-Kuntratt għadu ma spiċċax, l-aħjar hu li l-Kunsill jieħu parir legali. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li hu flimkien mas-Sindku ltaqgħu mal-Avukat Dr. Samuel Azzopardi li huwa wkoll is-Sindku tar-Rabat, Għawdex, fejn ta' l-parir li l-Kuntratt tal-*Patching* għandu jaqa' u toħroġ Sejħa ġdida għax il-Kuntratt għalaq. Rigward is-

Sejħa li kien ħareġ għall-*Collection of Domestic Waste*, l-Avukat staqsa dwar il-garanziji bankarji ta' dawk li tefgħu l-offerti. L-Aġent Segretarju qal li l-Kunsill għadu ma rċieva xejn bil-miktub mingħand l-Avukat. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa x'jiġifieri li l-Kuntratt għadu ma spiċċax. L-Aġent Segretarju qal li l-Kuntratt kien sa Ottubru 2011 u li garanzija bankarja għalqet f'Diċembru 2011. Is-Sindku nforma lill-Membri li aktar kmieni f'dik il-ġurnata, il-Kunsill kien ġie nfurmat mill-*Gozo Action Group* li t-tieni fażi tal-proġett ta' Wied Siekel kien intgħażel u li kien ser jiġi ffinanzjat mill-Miżura 313 tal-Programm *Leader*, li kien applika għaliha l-Kunsill. Hawnhekk il-Viċi-Sindku, is-Sur Tony Borg u l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsew jekk jistax isir *culvert* għall-ilma biex imbagħad jiġi mqabbad mat-triq. Is-Sindku staqsa fejn ser isir dan il-*culvert* għax dan ser isir in-naħat'isfel min-naħa tal-Gvern, mill-*bollard* 'l barra. Il-Viċi-Sindku qal li fil-ġimgħa preċedenti kien għamel laqgħa mal-Inġinier u mal-Perit Angelo Portelli fuq it-Triq il-Għajn u ġie deċiż li din issir kollha mill-Knisja 'l isfel sa Triq ix-Xlendi u li ser jgħaddu żewġ cables tad-dawl biex jaqtgħu il-*high tension*. Qal li l-kwistjoni hi meta ser isir dan ix-xogħol. Il-Viċi-Sindku qal ukoll li qed jaħdem biex issir Triq l-Isptar San Ġiljan, iżda dan jiddependi mill-prijoritajiet tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku qal li dwar it-tkomplija tal-*culvert* ta' Triq l-Isptar San Ġiljan, hu kellem lill-perit fil-preżenza tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, li qallu li ma jaf xejn dwaru u li kien kiteb xi ittri iżda ma kellux risposti. Dan wara li l-Viċi-Sindku kien informa li dan ser jitkompla. Dwar ix-xogħol bit-tarmac mill-knisja sa Pjazza l-Għejjun, il-perit qal li jekk ma jkunx hemm appelli, ix-xogħol irid jibda fi ftit ġimgħat oħra.

5.2.4 Email mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Skeda Ċ ta' L.S. 441.04 (Regolament dwar Attivitajiet li jeħtieġu l-Permess mill-Kunsill Lokali) – Permess numru 6: Twaqqif ta' xi Posta jew Kjosk. Is-Sindku qajjem punt u l-Kunsill qabel unanimament illi jekk jiġi xi ħadd biex iwaqqaf kjosk għal żmien il-festa fi Triq il-Kardinal Alessandru Franchi, il-permess ma jingħatalux. Il-Kjosks fi żmien il-festa għandhom jintramaw fejn isiru s-soltu.

5.2.5 Email mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward CIP – re open calls IEE u ICT PSP.

5.2.6 Email mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward *sample proposal* dwar *Street Furniture*.

5.2.7 Email mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-Bord ta' Governanza Lokali – Avviż Legali Nru. 63 tal-2010 / Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali.

5.2.8 Email mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Servizzi ta' Prevenzjoni mogħtija mis-SEDQA.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

5.2.9 Email mingħand Ms. Isabella Camilleri Aquilina, Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Memo 38/2008 – *Energy Saving Scheme*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri li hu rrispondiha li l-flus minn din l-iskema diġa kien ħadhom il-Kunsill.

5.2.10 Email mis-Sur Pio Farrugia, Dipartiment tal-Gvern Lokali b'risposta għaż-żewġ ittri li l-Kunsill bagħat lill-Ministru rigward ir-*Resurfacing* ta' Triq il-Għajn u ta' Triq l-Isptar San Ġiljan. Id-Dipartiment talab lill-Kunsill li biex ikunu jistgħu jikkonsidraw li jżidu l-għajnuna finanzarja, kellhom bżonn l-istima riveduta tal-Perit u d-dokumenti relatati mal-offerti mitfugħa mill-Kuntrattur.

5.2.11 Email mingħand Ms. Isabella Camilleri Aquilina, Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ix-xogħolijiet relatati ma' Memo 07/2010 – *Better Accessibility* ikunu lesti sat-8 ta' Diċembru 2012 u biex il-Kunsill jibgħat l-irċevuti sa l-aħħar tas-sena 2012.

5.2.12 Email mingħand Ms. Isabella Camilleri Aquilina, Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ix-xogħolijiet relatati ma' Memo 10/2010 – *Alternative Energy* ikunu lesti sal-31 ta' Diċembru 2012 u biex il-Kunsill jibgħat l-irċevuti sa l-aħħar ta' Jannar 2013.

5.2.13 Email mingħand Lorraine Micallef St. John, Dipartiment tal-Gvern Lokali – PPP – Toroq Update.

5.2.14 Email mingħand Antonella Borg, Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward is-€6,095.73 fi ħlasijiet li l-Kunsill għandu jagħti lil WasteServ għat-*Tipping Fees*. L-Aġent Segretarju informa li parti mill-Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali suppost tmur għat-tipping fees, għalhekk fuq ordni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, peress li l-Kunsill ilu ma' jħallas lil WaseServ minn Ġunju 2010, il-Kunsill għandu jħallas lil WasteServ dawk l-ammonti li qed jirċievi mill-Gvern Ċentrali għat-*tipping fees*. Is-Sindku qajjem il-punt x'ser jiġri mill-kontijiet l-oħra pendenti li l-Kunsill qed jirċievi li fihom hemm inkluż ukoll l-ammonti tal-Kunsill ta' Kerċem, u jekk il-WasteServ għandhiex dritt tiftaħ xi kawża għall-kontijiet l-oħra wara li l-Kunsill ikun ħallas dak li ġie mitlub mid-Dipartiment. Huwa qal li għandha tinkiteb ittra dwar dan. L-Aġent Segretarju spjega li kull xahar, il-Kunsill qiegħed jirċievi Invoice biex iħallas €477.66 ta' 20 tunnellata ta' skart domestiku. Qal ukoll li din il-figura ġiet stabilita mill-GRTU flimkien mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

5.2.15 Email mingħand Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Ħlas għall-*Tipping Fees*.

5.2.16 Email mingħand Ramona Portelli, Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Laqgħat ta' Informazzjoni – Insaħħu l-Gvern Lokali, li qed isiru bil-kollaborazzjoni tal-MEUSAC.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

F'dan il-ħin, fis-6.35p.m., il-Viċi-Sindku talab li jiġi skużat mill-laqgħa peress li ried imur Malta, iżda qabel ħareġ qali li rigward il-*Performance Bonus* tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joe Xiberras, irrakomanda li nagħtuh il-massimu li nistgħu għax dan ħadem u ħadem tajjeb.

5.2.17 MEPA – *Initial Setting Out Scheme Allignment* rigward l-*Upgrading of boundary wall including partial demolition of existing structure and fixing of information panel*, peress li issa l-MEPA trid il-linja tat-triq.

5.2.18 MEPA – *Formation of exit on Trejqet ix-Xaghri for underground shelter*. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa fejn ser tkun il-bokka li l-Kunsill qed jitlob li tinfetaħ u s-Sindku wieġbu li din ser tkun fil-ġenb ta' Trejqet ix-Xagħri, kif jindika il-garigor li hemm fix-xelter.

5.2.19 Transport Malta biex jinfurmaw li kienu irċivew l-ittra tal-Kunsill biex isiru *yellow lines* quddiem il-garaxx tas-Sur John Galea fi Triq ta' Mulejja.

5.2.20 Ittra mingħand is-Segretarjat Privat tal-Ministru tal-Intern u l-Affarijiet Parlamentari biex jinfurmaw li l-Ministru rċieva l-ittra li ntbagħtitlu nhar it-2 t'April 2012.

5.2.21 NSO – Stħarriġ dwar il-Kompożizzjoni tal-Iskart Muniċipali.

5.2.22 WasteServ – Ġbir ta' Informazzjoni rigward il-Ġbir ta' Skart Domestiku u dak Riċiklabbli.

5.2.23 BOV – il-Garanzija Bankarja għad-dokument tal-Offerta FONQ07/2011 ta' Gatt Tarmac Ltd. għal *resurfacing* ta' żewġ toroq fil-Fontana ġiet imġedda sas-7 ta' Lulju 2012.

5.2.24 Email mingħand Ms. Melanie Drury ta' MyDestination biex tinforma li kienet irċeviet l-applikazzjoni tal-Kunsill bl-4 postijiet ta' fejn ser jittieħdu r-ritratti 360$^{o}$ u talbet lill-Kunsill jekk għandhomx ritratti tal-lokali biex jiġu nklużi fis-sit eletroniku. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa jekk dawn jistgħux jiġu fi żmien il-festa.

5.2.25 Dr. Joseph Grech – għan-nom tas-Sur Nicholas Zammit rigward l-Offerta ta' Ġbir ta' Skart Domestiku. Ġie deċiż li tintbagħtlu risposta li l-Kunsill qed jistenna l-parir legali.

5.2.26 Dr. Carmelo Galea & Associates għan-nom tan-Nutar Enzo Dimech rigward il-ħsarat li ġarrab s-Sur Steve Dimech fl-inċident li kellu fi Triq l-Isptar San Ġiljan, Fontana nhar l-4 ta' Diċembru 2011 u qed jitlob l-ammont ta' €1,603.70 għad-danni li ġarrab. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill ma' kienx qiegħed jagħmel xogħol f'dik it-triq u li l-imsemmija triq ma taqax taħt ir-responsabilta tal-Kunsill Lokali.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

5.2.27 ETC – Ktejjeb bir-regolamenti u nformazzjoni relatati mal-iskema: Xogħol fil-Kommunità għall-entitajiet li jagħmlu użu minn din l-iskema u Ktejjeb bil-kundizzjonijiet għall-parteċipanti nfushom.

5.2.28 MEPA – Lista ta' Applikazzjonijiet ġodda fil-lokalita tal-Fontana.

5.2.29 Kunsill tal-Ktieb – Stedina Proġett Ktieb qabel torqod.

5.2.30 Kunsill Lokali Lija – Ħruġ ta' Default Notices.

5.2.31 Kunsill Lokali Żabbar – Ħruġ ta' Default Notices.

5.2.32 Gozo Action Group – *Rural Gozo Photo Competition*.

5.2.33 Micallef Joe Travel – Ġurnata Kultural ġewwa Ragusa – Mejju/Ġunju 2012. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel unanimament biex il-Kunsill jibda jaħseb għall-mawra oħra fi Sqallija nhar il-5 ta' Lulju 2012. Il-Kunsillier Victor Cefai ppropona biex din tinkludi agri-turiżmu. Is-Sindku qal li hu kien ser ikellem lil Mario Spiteri biex jiċċekja dwar postijiet u il-prezz u biex iħejji programm.

5.2.34 Soċjeta Miżikali Madonna tal-Ġilju – Kotba Akkademiċi mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, Mqabba.

5.2.35 Email mingħand Ms. Amanda Abela, Segretarja Eżekuttiv, Kunsill Lokali Għajnsielem rigward stedina mingħand wieħed mill-Kunsillier t'Għajnsielem biex il-Kunsilliera u s-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Għawdxin jiltaqgħu għall-ikla xi darba u jiddiskutu il-ħidma tal-Kunsilli rispettivi.

## 5.3 <u>Ilmenti</u>

5.3.1 Ilment minn Luċija Portelli ta' 92, Triq l-Isptar San Ġiljan, Fontana, fejn qed tilmenta li quddiem il-garaxx ta' Wenzu Portelli hemm xi toqob fit-triq li qed ikunu ta' nkonvenjent u periklu għal pubbliku. Is-Sindku qal li meta jidħol is-Sur Joe Joe Mercieca, mit-*time-off* li qed jieħu, jgħidlu biex imur u jirranġahom.

5.3.2 Ilment minn Nancy Custo ta' 'Ortensia', Triq il-Qalb ta' Ġesù, Fontana, fejn qed tilmenta li quddiem il-bieb tar-residenza tagħha hemm toqba li qed iżżomm l-ilma u xi ħofor żgħar oħra u għalhekk qed titlob biex isir ftit siment u jitwitta ftit biex ma jibqax iżomm ilma u ħmieġ. L-Aġent Segretarju qal li s-Sur Joe Joe Mercieca, il-ħaddiem tal-Kunsill ġa rranġa dawn it-toqob.

5.3.3 Ilment minn Mario Galea ta' 'Sacro Cour', Triq Carolina Cauchi, Rabat, Għawdex fejn qed jissuġġerixxi li l-biċċa triq li tinsab fi Triq tal-Għajn, bejn Triq il-Kappillan Ħili u Triq il-Qalb ta' Ġesuù, issir 'one-way' l'isfel biss. Dan għax qed ikun hemm *traffic jams* kontinwament. Żdiedu ħafna l-vjaġġi tal-Arriva, żdiedu l-coaches tat-turisti, d-*double deckers* tat-turisti u t-trakkijiet kbar tal-ġebel. Barra minhekk Triq ir-Repubblika hija *one-way* l'fuq biss u għalhekk it-traffiku min-naħa tal-Punent qiegħed jgħaddi kollu


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

minn Triq il-Għajn. Jekk kien hemm, qabel, problema li Triq Sir Arturo Mercieca kienet tkun magħluqa fil-ħin ta' l-iskola, din issa m'għadhiex teżisti għax issa din it-triq qiegħda tibqa' miftuħa fil-ħin tal-ftuħ u għeluq ta' l-iskola. Il-Membri tal-Kunsill ma qablux ma dan is-suġġeriment għax b'hekk minn Triq il-Qalb ta' Ġesù ma jgħaddi xejn waqt li aktar traffiku kien ser ikollu jgħaddi minn Triq il-Kappillan Ħili. Fuq kollox il-Kunsill qal li din mhix kompitu tal-Kunsill, peress li hija triq arterjali.

5.3.4 Ilment minn Mario Micallef ta' 'Hyacinth', Flt. 6, Fontanella Gardens, Triq is-Sajjieda, Fontana u minn Freddie Attard ta' 'Soleado', Dun Karm Street, Birkirkara Bypass, Birkirkara biex il-madum li hemm fil-parti tal-Fontanella Gardens għandu jinbidel u jsir wieħed li ma jiżloqx u jsir jaqleb 'l barra. Qal li jifhem li dan hu propjeta privata imma japprezza jekk il-Kunsill ikellem lill-kuntrattur biex dan jibdlu. Fil-jum li ressqu l-ilment, is-Sur Freddie Attard żelaq fuq dan il-madum u qasam rasu u ħa daqqa ġo wiċċu bin-nuċċali. Kellu jmur l-isptar u anke jagħmel rapport lill-Pulizija. Is-Sindku u l-Kunsillier Victor Cefai qablu unanimament li dan hu propjeta privata u għalhekk il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn waqt li l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef astjena peress li joqgħod f'dan il-kumpless.

## 6. ***Fontana Fireworks Festival***

6.1 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li nhar it-18 t'April 2012, hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv marru Malta u kellhom laqgħa fil-Każin King George V tal-Imqabba mal-membri tal-Kmamar tan-Nar ta' St. Mary's Fireworks, Mosta; St. Mary's Fireworks, Hal-Ghaxaq; St. Leonard Fireworks, Kirkop; Lourdes Fireworks Factory, Qrendi; St. Mary's Fireworks, Mqabba u ma' tal-Kazin King George V, Mqabba, fil-preżenza tas-Sur Joe Mangion, l-organizztur tal-Fontana Fireworks Festival fejn ġie iffirmat kuntratt ta' x'ser jorganizza l-Kunsill u x'ser jipprovdu huma bħala parteċipanti ta' dan il-Festival. Barra minhekk tlesta wkoll il-poster li ser jiġi wkoll ippublikat bħal ma kienu ġew avviċinati mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, fil-*Let's Gozo Magazine* li ser jitqassam b'xejn mal-gazzetta *The Sunday Times* tal-20 ta' Mejju 2012 fejn jiġu stampati madwar 40,000 kopja. Dan ir-reklam ta' nofs paġna ser ikun jiswa €450. L-Aġent Segretarju informa lill-Membri li kien bgħatt il-poster lis-Sur Dennis Dimech biex ikun jista' jġib il-poster bħala reklam fuq dan il-magazine. Is-Sindku ssuġġerixxa u l-Kunsill qabel unanimament li jsir flyer f'kull dar Għawdex. Is-Sindku semma wkoll il-*facebook* u t-*twitter*. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef issuġerixxa li jsiru xi sitt


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

posters kbar u jitwaħħlu madwar Għawdex. Il-Kunsillier Victor Cefai irrimarka li importanti li wieħed jistudja sew fejn l-aktar li jkun hemm nies. Is-Sindku ssuġerixxa li għandna nkellmu lir-Sur Joe Mangion jekk nagħmlux mużika fejn il-Knisja. Is-Sindku qal ukoll li s-Sur Mangion issuġġerilu li peress li din il-festa ser tkun l-ewwel darba bin-nar wara t-traġedja tal-5 ta' Settembru 2010, xieraq li dan il-Festival tan-Nar jibda b'minuta silenzju b'rispett lejn il-vitmi. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku qal li rridu niffinalizzaw ukoll mal-5 Kmamar tan-Nar l-oħra. Is-Sindku qal li n-nar ser jinġarr is-Sibt 16 ta' Ġunju filgħodu u li l-Kunsill ser iħallas għall-ispejjeż tat-trasport.

## 7. Performance Bonus tal-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joe Xiberras

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-*Performance Bonus* tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joe Xiberras ikopri l-perjodu mill-10 t'Ottubru sat-12 ta' Diċembru 2011. Is-Sindku qal li s-Sur Joe Xiberras ġie fi żmien diffiċli fejn ma sabx koperazzjoni. Qal ukoll li s-Sur Joe Xiberras għamel l-aħjar li seta' fl-impjieg tiegħu mal-Kunsill, pero, li kellu nieqes, u biex ikun ġust ma' kulħadd, kien hemm ċertu affarijiet bħalma huma l-accounting, li hu ma kienx jaf jagħmlu u għalhekk il-Kunsill kellu jqabbad lil terzi persuni sabiex jagħmlu dan ix-xogħol. Għalhekk is-Sindku ppropona li jingħata 7.5%, l-istess bħal ma kienet ingħatat is-Sinjorina Josephine Borg. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan il-percentaġġ. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef u l-Kunsillier Victor Cefai irrimarkaw li tul ix-xahrejn li dam jaħdem il-Kunsill, huma dejjem sabu għajnuna min-naħa tas-Sur Xiberras. Is-Sindku, f'isem il-Kunsill, ippreżenta lis-Sur Joe Xiberras, replika tal-Għajn il-Kbira b'ringrazzjament.

## 8. Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku

8.1 Għal dan il-mument tal-laqgħa kien mistieden il-Perit is-Sur Gordon Vella. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill min kien ser jagħmel ix-xogħol tat-tqegħid tal-madum taz-zuntier tal-Knisja li kien inqala waqt it-twaqqiegħ tal-fond 191 fi Triq il-Għajn. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol irid isir qabel il-festa u li l-istess persuna li ser tkun qed tqiegħed il-madum tal-ġebla tal-qawwi, tista' tirranġa l-madum taz-zuntier li nkiser minħabba ix-xogħol tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku qal li nistgħu ngħidu lill-bennej, lis-Sur Toni Vella biex il-ħajt li hemm fuq iz-zuntier jista' jaqilgħu u li l-Kunsill irid jieħu ħsieb jagħmel xi *fencing* mal-propjeta tas-Sur Toni Cassar minħabba safety. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Monument tas-Sajjieda jsir fin-nofs tal-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

binja l-ġdida, f'post li ma jtellifx it-tkomplija tal-bini. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku semma wkoll u talab lill-perit biex wara li tgħaddi l-festa tinħareġ is-Sejħa għall-Kwotazzjoni biex isiru s-servizzi fil-*public convenience* il-ġodda li ser ikunu aċċessibli mis-Sala tal-Kommunità. Is-Sindku qal li din is-sejħa trid tkopri s-servizzi tad-dawl u l-ilma, *drainage*, u t-tqegħid tal-madum tal-art u tal-ħajt. Il-Kunsill qabel.

## 9. Għoti tal-Offerti

9.1 Rigward is-Sejħa għall-Offerti biex tiġi pprovduta ġebla tal-qawwi għall-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku, il-perit qal li peress li din iż-żona hi esposta għall-elementi tax-xita u xemx u peress li fil-festa tkun esposta għal ħafna ħmieġ, id-dokument tal-offerti kien jitlob numru ta' rekwiżiti. Il-Perit qal li wara li evalwa ż-żewġ offerti rriżulta li l-ebda kumpanija ma' taw ċerta nformazzjoni li ġew mitluba li jipprovdu, il-Perit stqarr li peress li m'għandniex l-informazzjoni biżżejjed biex tkun tista' ssir l-għażla t-tajba. Għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa, u l-Kunsill qabel unanimament, biex din is-sejħa terġa toħroġ mill-ġdid u talab lill-Perit biex fid-dokument il-ġdid jitlob aktar speċifikazzjoni u riżultati ta' testijiet li jkunu saru fuq il-ġebla biex b'hekk wieħed ikun jista' jevalwa aħjar. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa lill-perit jekk il-ġebla riditx bilfors tkun waħda tal-qawwi jew nistgħux nibdluha iżda l-perit infurmah li dik kienet imniżżla fil-permess. Peress li x-xogħol tat-tqegħid tal-ġebla ser idum ma jsir, il-Kunsilliera is-Sur Horace Micallef u s-Sur Victor Cefai ssuġġerew biex isir ftit siment biex jiġi eliminat id-diżlivell li hemm bejn iz-zuntier tal-knisja u l-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

9.2 Sejħa għall-Offerti *To place on site hardstone paving slabs to form finished floor, site at Fontana Civic Centre Phase 2*. L-Aġent Segretarju fetaħ iż-żewġ offerti li huma tas-Sur Tarcisio Xerri (€3,137.00) u tas-Sur Mario Gatt, ta' Gatt Tarmac Ltd. (€2,661.25). Il-Kunsill qabel li tingħata l-irħas jekk tiġi kkonfermata mill-perit.

9.3 Sejħa għall-Kwotazzjoni *Supply and apply a waterproofing membrane to the roof slab and adjoining wall structures, site at Fontana Civic Centre Phase 2*. L-Aġent Segretarju nforma lill-Membri li l-Kunsill kien irċieva 4 Offerti: Tarcisio Xerri (€1,263.75); Paul Caruana (€1,758.00); Three Eight Nine Ltd. (€1,365.00) u Kevin Grech (€1,557.75). L-Aġent Segretarju qal li hu għadda l-istimi lill-perit biex ikun jista' jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu. Il-Kunsill qabel li jagħti l-irħas jekk tiġi kkonfermata mill-perit.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.4 Is-Sindku qal li jeħtieġ li l-Kunsill joħroġ is-Sejħa għall-Offerti biex issir it-Tieni fażi ta' Wied Siekel kif ukoll is-Sejħa biex isir xogħol ta' *Patching* bil-*Hot Asphalt* f'diversi toroq fil-Fontana. Il-Kunsill qabel. Rigward is-sejħa ta' Wied Siekel, il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef qal li mportanti li fid-dokument tal-offerti jkun hemm indikat li l-ġebel ikun bħal dak li ntuża fl-ewwel fażi tal-proġett. Is-Sindku qal li d-dokumenti ta' dawn l-offerti għandu jkollhom il-valur ta' €50. Il-Kunsill qabel.

9.5 Is-Sindku nforma lill-Membri li Ġie ffirmat l-kuntratt għat-tieni fażi tas-sistema ta' enerġija alternattiva għal-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Dan ġie ffirmat mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għan-naħa tal-Kunsill u mis-Sur Anthony Saliba għal-kumpanija *Solar Engineering Ltd*. Din għandha titlesta sal-11 ta' Mejju 2012.

## 10. Mistoqsijiet

10.1 Is-Sindku staqsa lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv jekk il-Kunsill kienx irċieva xi risposta mill-Ministeru għal Għawdex rigward il-mozzjoni li kien ressaq il-Kunsill lill-Ministeru biex iz-zuntier tal-Knisja isir bil-ġebla tal-qawwi. L-Aġent Segretarju wieġeb li konna għadna ma rċivejna xejn u għalhekk il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef talab li terġa' tintbagħat *reminder*.

10.2 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa lis-Sindku rigward il-ħajt li hemm fil-periklu li jaqa' fi Triq il-Kardinal Alessandru Franchi jekk nistgħux nirranġawh u jitkompla kif inhu l-kumplament taċ-ċint. Is-Sindku qal li dak il-ħajt inbena meta kien għad m'hemmx triq minn sid id-dar madwar erbgħin sena ilu, imma issa peress li hemm it-triq irridu nieħd parir xi jrid isir min-naħa tagħna.

10.3 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa lis-Sindku f'hiex wasal ix-xogħol fuq l-installazzjoni ta' bozza fi Triq Mons. Mikiel Buttigieg. Is-Sindku nforma li l-permess biex isir it-*trenching* kien għadu ma ħariġx. Dan għaliex is-Sur Chris Gauci kien dam ma mar biex jipproċedi biex jinħarġu l-permessi meħtieġa.

10.4 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsa rigward it-tappiera li hemm fi Triq il-Kappillan Ħili quddiem id-daħla tal-Fontanella Gardens. Is-Sindku wieġeb li hu kien qal lill-Aġent Segretarju biex jikteb lil ta-GO Plc biex jiġu u jirranġaw din it-tappiera peress li kienet kull darba tidher fil-minuti u qisu ħadd mhu qed jagħti kas.

## 11. Approvazzjoni ta' Kontijiet

11.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-ċedola annessa.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

## 12. Mozzjonijiet

12.1 Ma tressqet l-ebda mozzjoni.

## 13. Materji Oħra

13.1 Is-Sindku nforma lill-Membri biex rigward il-Festa Tfal li ssir fi żmien il-Festa nkunu nistgħu mmexxu peress li din ingħatajna l-fondi għaliha mill-iskema maħruġa mid-Dipartiment għall-attivitajiet sportivi 2012. Il-Kunsill qabel.

13.2 Is-Sindku ssuġġerixxa u l-Kunsill qabel illi ssir Ħarġa Soċjo-Kulturali f'Malta għar-residenti nhar il-Ħadd 27 ta' Mejju 2012.

13.3 Is-Sindku ssuġġerixxa u l-Kunsill qabel biex niktbu lil Ministru l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici rigward il-multi li weħel il-Kunsill fl-2011, fejn jingħata spjega ċara għala l-Kunsill kien weħel dawk il-multi peress li r-residenti tal-Fontana qed ibatu dawn il-multi.

13.4 Il-Kunsillier is-Sur Victor Cefai irrimarka li l-problema rigward it-tappiera li kien fi Triq il-Kappillan Hili quddiem ir-residenza nru. 63, ġiet solvuta.

13.5 Is-Sindku nforma lill-Membri li l-Laqgħa mad-Dr. Petra Bianchi, Direttur tal-Ambjent, MEPA, rigward il-proġett tat-tindif tal-Wied tax-Xlendi ma kinitx ser issir peress li s-Sur Stephen Cachia kien aċċetta li jissorvelja x-xogħol hu. Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li nhar l-24 t'April 2012 inħarġet is-Sejħa għall-Offerti biex isir dan ix-xogħol.

13.6 Is-Sindku nforma lill-Membri li l-Kunsill kien bagħat ittra lill-kuntrattur li qiegħed jagħmel ix-xogħol ta' bini tat-tieni fażi rigward il-ksur tal-kuntratt, kif kien ġie maqbul fil-laqgħa t'Urġenza tas-6 ta' Marzu 2012.

13.7 Is-Sindku ssuġġerixxa u l-Kunsill qabel unanimament biex jinbnew iż-żewġ garaxxijiet, li tagħhom ġa jeżisti l-permess, bħala t-tielet fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Dan anke għall-fatt li hu ġa qed iżomm oġġetti tal-Kunsill fil-garaxx tiegħu sa mill-1996 peress illi l-Kunsill ma kellux post fejn jinġabru l-affarijiet kif ukoll li kien hemm ħafna affarijiet fis-Sala tal-Komunità li m'hemmx fejn inqiegħduhom.

13.8 Is-Sindku semma li hemm bżonn biex isiru xi dwal tul it-taraġ li minn Triq ta' Mulejja jwassal sa Trejqet ta' wara l-Idjar peress li hu mudlam u għalhekk issuġġerixxa biex isiru xi żewġ fanali. Il-Kunsill qabel.

13.9 Is-Sindku qal li ġie mitlub mill-Perit is-Sur Angelo Portelli biex nibgħatu ittra lid-Direttur responsabbli mill-Proġetti u l-Iżvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex Triq il-Munxar, tinqala' u


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

ssir mill-ġdid u dan għar-raguni li meta kien hemm il-ħsara fit-Triq tax-Xlendi, din it-triq ġarrbet ħsarat konsiderevoli bl-ilma li daħal taħta.

13.10 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li nhar it-3 t'April 2012 saret il-Ħarġa Soċjo-Kulturali għar-residenti f'Malta. Qal li fl-okkażżjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, żorna l-knisja parrokjali ta' Ħal-Luqa fejn kien hemm l-istatwi tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kif wkoll wirjiet fiż-żewġ każini tal-Banda. Wara l-ħarġa kompliet bi żjara lill-knisja parrokkjali ta' Raħal il-Ġdid fejn rajna l-vari tal-purcissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, ħin liberu fil-Belt Valletta u ġiet fi tmiemha bi żjara f'Ħal Farruġ fejn żorna l-Monte Cristo Estate. Attendew 41 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsillier Victor Cefai u Horace Micallef.

13.11 Is-Sindku informa lill-Membri li ngħata l-isem tal-*Bus Stop* li ser issir fi Triq il-Għajn, kantuniera ma' Triq il-Kappillan Ħili. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ta żewġ ismijiet: Ħili, għal Triq il-Kappillan Dun Ġużepp Ħili jew inkella Bieb il-Għajn.

13.12 Is-Sindku semma li hemm ilment li minn fuq il-bankina minn fejn kien l-Uffiċċju tal-Kunsill qabel sa fejn ta' Ġulina Supermarket qed jgħaddu l-muturi minn fuqha għalhekk qed ikunu ta' periklu għall-pubbliku. Il-Kunsillier is-Sur Victor Cefai semma li l-muturi qed jgħaddu wkoll minn fuq il-bankina tiegħu fi Triq il-Kappillan Ħili. Dan ġie kkonfermat mill-Kunsillier is-Sur Horace Micallef li rahom waqt li kien ħiereġ mill-garaxx tiegħu. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru tabelli biex ma jgħaddux muturi minn fuq il-bankini. Il-Kunsillier is-Sur Victor Cefai qal li għalxejn tagħmel it-tabelli għax il-muturi bil-liġi ma jistgħux jgħaddu minn fuq il-bankini u ssuġġerixxa li nkellmu lil Wardens biex joqgħodu għassa u jagħtu ċ-ċitazzjonijiet. Is-Sindku qal li jaf li ma jistgħux jgħaddu iżda hekk jiġri. Il-Kunsill qabel.

13.13 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġibidlu l-attenzjoni li meta l-eks Segretarju Eżekuttiv is-Sur Karl Vella ħareġ is-Sejħa għall-Offerti tat-tieni fażi tal-Installazzjoni tal-Pannelli Fotovoltajiċi, fil-faċċata tad-dokument tas-Sejħa għamel il-*logo* u kiteb li din ser tkun parzjalment finanzjata mid-Direttorat Eko-Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex minflok li dawn kienu ser isiru minn skema maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku semma li hemm il-probabilità li jistgħu jintilfu l-fondi. Is-Sindku qal li dawn ma jistgħux jinbidlu u jekk nintalbu spjegazzjoni, il-Kunsill għandu jagħti spjega. Hu qal ukoll li r-residenti ġew infurmati b'dan permezz tal-fuljett li dawn ser isiru minn skema maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

13.14 Is-Sindku nforma lill-Membri li ilu ftit fil-qorti kien hemm is-smiegħ tal-kawża Anthony Cassar vs il-Kumissarju tal-Artijiet dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn, li hu fittex ittra li ġiet mitluba minnu mill-qorti iżda din ma nstabitx fil-file. Is-Sindku semma li din kopja ta' din l-ittra tista' teżisti fil-qorti iżda l-oriġinali m'għadhiex teżisti fil-Kunsill. Din kienet ittra mibgħuta lill-Kunsill f'Mejju 2001 minn Dr. Anton Refalo f'isem is-Sur Anthony Cassar. Is-Sindku qal li minflok l-ittra, s-Sindku ppreżenta kopja tal-minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill fejn jindikaw li din ġiet diskussa f'Mejju 2001. Semma wkoll li hu attenda għal seduta oħra tal-Qorti quddiem l-Assistent Ġudizjarju Dr. Aaron Attard Ħili u li din reġgħet ġiet differita għal 10 ta' Mejju 2012.

13.15 Is-Sindku qal li hu kien attenda għaċ-ċerimonja tal-Kumitat Reġjonali fil-*Banca Giuratale* fejn ingħata l-ġurament tal-ħatra tas-Sindki u l-Vici Sindki ġodda.

13.16 Is-Sindku semma li kienu nkitbu madwar 30 ruħ biex jagħmlu l-kors tal-*pilates* u tal-*aerobics* u qal li issa ma kienx il-mument opportun biex jiġu organizzati dawn il-korsijiet, anke minħabba l-affarijiet li hemm fis-Sala u għalhekk ġie deċiż li dawn il-korsijiet isiru f'Ottubru 2012.

13.17 Is-Sindku nforma lill-Membri illi inkittbet ittra lil Ministru Carm Mifsud Bonnici responsabli mill-Kunsilli Lokali biex il-Kunsill tal-Fontana jingħata għajnuna biex isiru parti minn Triq il-Ghajn, bejn Pjazza Tomba u Triq il-Kappilan Ħili u parti minn Triq l-Isptar San Ġiljan li l-offerti li ntefgħet biex jsiru bit-tarmak hija ta' madwar €241,000.

13.18 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri li hu kien attenda għal laqgħa fil-Ministeru għall-Għawdex dwar il-*White Paper:* il-Prevenzjoni, it-Tnaqqis u l-Kontroll tal-Ħsejjes. Kienu prezenti l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għall-Ghawdex u l-Onor. Mario de Marco, Ministru għat-Turiżmu, l-Kultura u l-Ambjent.

13.19 Is-Sindku qal li ġew mġedda x-xtieli tat-toroq John Gaspard le Merchant u Kardinal A.Franchi kif wkoll dawk Ta' Sqaq ta' Kaputt.

13.20 Is-Sindku nforma lill-Membri li saret laqgħa fl-Ufficċju tal-Kunsill mal-Perit Angelo Portelli dwar diversi xogħlijiet fil-lokalità tal-Fontana. Ġie diskuss it-tkomplija tal-*culvert* fi Triq l-Isptar San Ġiljan, ix-xoghol ta' tarmak fi Triq l-Isptar San Ġiljan u f'parti min Triq il-Għajn kif wkoll ix-xoghol bit-tarmak tat-tieni fażi ta' t-Triq tax-Xlendi li minn Pjazza l-Għejjun twassal sa quddiem il-Knisja Parrokkjali.

13.21 Is-Sindku qal li hu kien attenda ghal-*Musical* id-'Dverna ta' Emmaus" li ġie mtella' fiċ-Ċentru Parrokkjali bil-kollaborazzjoni


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

tal-Kunsill Lokali tal-Fontana fejn fih ħadu sehem numru ta' żgħażagħ mill-parroċċa tal-Fontana, fosthom il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef u mill-parroċċa ta San Lawrenz.

13.22 Is-Sindku qal li nhar il-25 t'April 2012, hu kien attenda għad-19 il-Laqgħa tal-Kumitat Reġjonali għall-Għawdex li saret fil-*Banca Giuratale*.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.05p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-29 ta' Mejju 2012, fil-5.30p.m.

Joseph Farrugia
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku